**It-tbissima ħelwa tiegħek**

Daħlitli telefonata u l-leħen
Għarrafni li issa int m'għadekx magħna,
Ingħafset qalbi kif issa ħallejtna,
Hekk malajr għażiż ħabib, ma nistax nemmen,
Kif int għaddejt ġmielek fl-eternità.
Il-ħajja hekk hi, perplessità.

Imma anki jekk għamilt il-pass ta' bosta
Ismek f'qalbi jibqa' imnaqqax sewwa,
Għax jien għażiż se nibqa' wisq niftakrek,
Għal dik it-tbissima tassew waħdiena,
Li Missierna tas-Sema 'l fommok żejjen.
Rigal tas-Saltna hu tak, biħ tiżżejjen.

Għax wara dik it-tbissima sabiħa
Tgħix qalb li taf tħobb tassew bla limiti,
Li dejjem lesta li żżomm ruxxmata sliem,
Li ħabbruh l-anġli fuq il-għar ta' Bethelem,
L-istess sliem li jfejjaq bil-bosta tant qlub.
Għalhekk int tibqa' ħuna misq maħbub.

U issa għażiż ħuna u missierna,
Ħalli tgħannqek ma' qalbha b'idejn sodi,
Dik it-tbissima li ħallejtilna hawn,
Ħa tkun hi d-dawl fid-dlam li jiksi 'l ruħna,
Għax toħodna għall-leħen li kien miegħek.
Ħelu Fred bħat-tbissima ħelwa tiegħek.

Patri Mario Attard OFM Cap
27 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.